MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 215/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Eleno Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Eleno Bezzina talli :

(1) Fis-16 ta' Frar 2000 u f'dati precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi ghamel falsifikazzjoni fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet,

disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar li ghamel uzu minn tali skritturi u cioe` numru ta' cheques tal-Bank of Valletta b'valur ta' Lm868 ghad-detriment ta' Michael Pisani u ohrajn u dana bi ksur ta' l-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Fl-istess cirkostanzi kkommetta serq ta' cheque book b'diversi cheques ghal valur ta' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad-detriment ta' Michael Pisani, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa, u dana bi ksur ta' l-artikoli 261, 267, 268 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Fl-istess cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe` cheque book b'diversi cheques ghal valur ta' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira Maltin (Lm1000), mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibiegh jew imexxihom u dana bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) Fl-istess cirkostanzi, iffalsifika cedoli jew dokumenti ohra illi meta jigi prezentat wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jigbor depozitu jew rahan minn bank jew stabbiliment iehor pubbliku u dana bi ksur ta' l-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) Fl-istess cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' l-ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm868 bi hsara ta' haddiehor u dana bi ksur tal l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) Sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 5 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie kkundannat b’diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imsemmi Eleno Bezzina ghal-hlas ta’ l-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Gunju, 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 31(1), 167, 183, 184, 308, 310(1)(b) u 334(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-imsemmi Eleno Bezzina hati tat-tieni u s-sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u lliberatu minnhom izda sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra u kkundannatu ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija. Il-Qorti ordnat ukoll lill-istess Eleno Bezzina jhallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez konnessi man-nomina ta’ l-espert Martin Bajada, fl-ammont ta’ €299.35 u dan fi zmien sena mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Eleno Bezzina pprezentat fid-9 ta’ Lulju, 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tieni u s-sitt imputazzjonijiet u tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha li gie misjub hati taghhom ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti. Jibbaza dan l-aggravju fuq il-fatt li l-ewwel Qorti ma laqghetx talba tieghu biex espert *ex parte* jkun awtorizzat jirtira d-dokumenti necessarji biex janalizzahom bhalma kien analizzahom diga` l-espert nominat mill-Qorti Martin Bajada. Jghid li anke espert tal-

Qorti mhuwiex infallibbli. Il-Kodici Kriminali ma tinibixxix l-akkuzat milli jipproduci kwalunkwe xhud, anki espert, izda tali espert irid ikollu access ghall-istess materjal li kellu espert tal-Qorti sabiex jasal ghal xi forma ta' konkluzjoni jew anki jikkritika b'mod kredibbli r-rapport ipprezentat. L-appellant jghid li b'hekk kien ippregudikat u ma kellux smigh xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghandu dritt li jissolleva kwalunkwe difiza li jidhirlu xieraq u anki jipprova jnissel dubju ragjonevoli f'mohh il-gudikant.

L-artikoli li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' periti huma l-artikoli 650 sa 657 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond l-artikolu 650 fejn tkun tinhtieg hila jew sengha specjali ghandha tigi ordnata perizja u l-periti jigu maghzulin mill-Qorti. Il-periti jistghu jigu rikuzati biss ghall-istess ragunijiet li ghalihom jista' jigi rrikuzat imhallef (art. 651(1)). Il-periti, meta jispiccaw ix-xoghol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengha taghhom, ghandhom jaghmlu bil-fomm jew bil-miktub ir-rapport taghhom, skond id-direzzjonijiet tal-qorti (art.653(1)). Ir-rapport ghandu f'kull kaz isemmi l-fatti u c-cirkostanzi li fuqhom il-periti jkunu ibbazaw il-fehma taghhom (art. 653(2)). Kull wahda mill-partijiet, il-qorti, u, fil-kazijiet ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, kull wiehed mill-gurati, jistghu jitolbu mill-periti tifsir ahjar fuq ir-rapport taghhom, kif ukoll fuq dak li jidhrilhom li jista' jaghmel aktar cara l-fehma tal-periti (art. 655). Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu (art. 656).

Mill-atti jirrizulta li fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2003 quddiem l-ewwel Qorti saret talba mill-*parte civile* biex jigi nominat espert tal-kalligrafija sabiex jirrelata dwar *cheques tal-*Bank of Valletta mmarkati Dok. P1 sa P5. Skond l-istess verbal, id-difiza ddikjarat li ma ssib l-ebda oggezzjoni ghall-hatra ta' espert tal-kalligrafija. Il-Qorti hatret lil Martin Bajada "sabiex jezamina l-firem kollha li hemm fid-dokumenti esebiti fil-process u jirrelata bil-miktub dwarhom." Ma kien hemm ebda talba ghar-rikuza tieghu. Martin Bajada xehed fis-26 ta' Frar 2004 meta pprezenta r-rapport tieghu. Dakinhar stess il-prosekuzzjoni ddikjarat li ghalqet il-provi. Sakemm giet deciza l-kawza – aktar

minn erba' snin wara – l-appellant ma talabx li jitharrek l-espert imsemmi biex ikun jista' jezaminah dwar ir-rapport tieghu u b'hekk jikkontrolla x-xoghol li jkun sar mill-perit. Minflok, b'rikors ipprezentat fl-24 ta' Jannar 2006, l-appellant talab li jigi nominat espert kalligrafu alternattiv sabiex jaghmel analizi tieghu, ta' Michael Pisani u Robert Schembri. L-ewwel Qorti ddekretat li, peress illi l-espert Martin Bajada "huwa espert nominat mill-Qorti u peress illi t-talba ta' l-imputat ma tinkwadra ruhha taht l-ebda disposizzjoni tal-ligi, tichad it-talba kif dedotta, izda qieghda terga' tinnomina lil Martin Bajada u dana ghall-ghan specifiku illi jaghmel analizi tal-kalligrafija ta' Robert Schembri biss jekk l-imputat iressaq lil Robert Schembri bhala xhud."

Id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti kienet korretta. Dak li kien qieghed jitlob l-appellant kienet in-nomina ta' perit perizjuri u mhux "il-facilita` li jkollu espert *ex parte*". Espert *ex parte* ma jigix nominat mill-Qorti. Difatti fil-korp tar-rikors tieghu qal li xtaq li jkun hemm "espert addizzjonali sabiex jezamina indipendentement il-kitba ta' l-akkuzat u ta' Michael Pisani". Hawn m'ahniex fil-kamp civili u l-artikoli li jirrigwardaw in-nomina ta' periti addizzjonali kontenuti fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta mhumiex applikabbli ghall-proceduri kriminali. L-appellant kellu ghad-disposizzjoni tieghu r-rapport ta' l-espert tal-Qorti u seta' ghalhekk liberament jikkonsulta espert tieghu dwar tali rapport u juzufruwixxi ruhu mill-mezzi moghtija mil-ligi biex juri ghaliex, skond hu, ir-rapport kien zbaljat. Wara kollox il-Qorti mhijiex marbuta li toqghod ghall-fehma ta' l-espert kontra l-perswazjoni taghha. L-appellant pero` sussegwentement ghad-digriet ta' l-ewwel Qorti llimita ruhu biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Ghalhekk in kwantu l-aggravju ta' l-appellant hu li r-rikors tieghu biex jigi nominat espert alternattiv gie michud mill-ewwel Qorti, dan l-aggravju huwa michud. In kwantu l-lanjanza tieghu li ma kellux b'hekk smigh xieraq tista' tiftiehem bhala talba biex issir riferenza kostituzzjonali, din it-talba qed tigi dikjarata frivola u vessatorja u qed tigi michuda wkoll.

Issa, fir-rapport tieghu Martin Bajada kkonkluda li c-cekkijiet li huwa ezamina mmarkati Dok. B1 sa B5, proprjament Dok. P1 sa P5, saru mill-appellant. Kwantu ghall-firma qal li min iffirmahom gie in kuntatt mal-firma originali ta' Michael Pisani sabiex iffirma bl-istess tifsila tal-firma. Dan huwa evidenti anke ghal din il-Qorti wara li ezaminat il-firem fuq ic-cekkijiet imsemmija u l-firem originali ta' Michael Pisani fuq id-diversi dokumenti esibiti. Li l-appellant kien jaf kif jiffirma Michael Pisani jirrizulta mix-xiehda ta' Michael Pisani stess li qal li kien hemm okkazjoni fejn l-appellant kien saqsieh ha jara l-firma tieghu kif jiffirma u hu qabad u urihielu, u dan kien qabel ma nduna li kellu cekkijiet neqsin bil-mamma b'kollox mic-*cheque book* tieghu. Skond Pisani wkoll, kien ihalli c-*cheque book* taht xugaman fil-karozza tieghu, l-appellant kien jaf fejn kien ic-*cheque book* peress illi kien rah jaghti *cheque* lil xi persuna, u kien hemm diversi okkazjonijiet fejn l-appellant talbu jisilfu l-karozza.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant cahad li kien hu li ha c-cekkijiet u qal li certu Robert Schembri kien imurlu b'xi cekkijiet lesti ffirmati u pagabbli lil hadd, hu kien itihomlu kontanti u c-cekk jaghmlu pagabbli lilu (lill-appellant). Qal li kien minghalih li c-cekkijiet kienu ta' Pisani tal-laham u mhux ta' Michael Pisani. Minn dan jidher li l-appellant donnu qieghed ifisser illi c-cekkijiet kien ikollhom anke l-ammont imnizzel. Pero` mir-rapport ta' Martin Bajada gie determinat illi mhux biss l-isem tal-*payee* izda anke l-kitba l-ohra saret mill-appellant. Huwa kkonkluda wkoll li l-*pressure* fil-kitba fuq ic-cekkijiet imsemmija u l-*pressure* fil-firem fuq l-istess cekkijiet hija kostanti u regolari tant li saru mill-istess id.  Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghala m'ghandhiex takkolji dawn il-konkluzjonijiet, u tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha fil-grad mehtieg skond il-ligi. L-appellant ipprova jizra d-dubju billi semma lil Robert Schembri u talab li espert kalligrafiku jezamina wkoll il-kalligrafija tieghu. Din it-talba giet milqugha mill-ewwel Qorti purche` dan Robert Schembri jitressaq mill-appellant bhala xhud tieghu. Izda lil Robert Schembri ma ressqux bhala xhud. Hawn din il-Qorti tosserva illi l-prosekuzzjoni esebiet l-istqarrija ta' Robert Schembri u l-ewwel Qorti anke rreferiet ghaliha fis-sentenza taghha.

Pero` dik l-istqarrija ma tista' tikkostitwixxi l-ebda prova kontra l-appellant u difatti din il-Qorti skartatha ghal kollox. Fl-istqarrija tieghu l-appellant isemmi li xi drabi Robert Schembri tah cekkijiet quddiem xi nies li huwa semma – izda ma pproduca lil hadd minnhom bhala xhud. Wiehed mic-cekkijiet kien maghmul favur certu Joe Cutajar ghaliex, skond l-appellant, kellu jtih xi flus u ghalhekk meta tahulu Robert minflok ghamel ismu (isem l-appellant), ghamel isem Joe Cutajar. X'inhi r-raguni mela, tistaqsi l-Qorti, fuq in-naha ta' wara tac-cekk in kwistjoni (numru 189 – ara fol. 44) hemm mhux biss firma u karta ta' identita` prezumibilment ta' Joe Cutajar izda wkoll il-firma u l-karta ta' identita` ta' l-appellant? Jekk ic-cekk kien intiz ghal Joe Cutajar u anke allura l-flus tac-cekk, ma kien hemm l-ebda htiega li jkun hemm ukoll il-firma ta' l-appellant sakemm ic-cekk ma giex mill-gdid girat favur l-appellant u allura wkoll imsarraf minnu. Imbaghad din il-Qorti ma tistax tqis verosimili l-istorja ta' l-appellant li c-cekkijiet kienu qed jingabu minn Robert Schembri peress illi kieku l-flus kienu intenzjonati ghal Robert Schembri, ic-cekkijiet imisshom kienu maghmulin pagabbli lill-istess Robert Schembri. L-appellant fil-fatt fl-istqarrija tieghu ma jaghti ebda spjegazzjoni ghaliex ic-cekkijiet ma setghux isiru f'isem Robert Schembri.

Konsegwentement l-appell ma jistax jintlaqa'.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------